MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 759/2009

***The Catering Centre Limited***

***Versus***

**Hubert Mamo u martu Mary Mamo**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' sitta u tletin elf, disa' mija u disgħa u sittin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€36,969.78), bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' *catering equipment* mibjugħ u konsenjat lill-konvenuti. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra legali u ta' mandat kawtelatorju, u l-imgħax legali mid-19 ta' Frar 2008 sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenuti ammettew it-talbiet magħmula mill-attriċi.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi fuq ammissjoni tal-konvenuti tikkundannahom iħallsu lill-attriċi sitta u tletin elf, disa' mija u disgħa u sittin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€36,969.78) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------